MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2011

Numru. 656/2011

**Il-Pulizija**
**(Spetturi Joseph Mercieca u Spiridione Zammt)**

**Vs**

**FRANCOIS ELLUL**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **FRANCOIS ELLUL** ta' tnejn u ghoxrin sena, bin Martin u Pauline nee' Farrugia, imwieled Pieta' nhar is-27 ta' Frar, 1989 u residenti gewwa 13, Triq Isouard, Marsa, detentur tal-karta tal-identita' numru 113989M, tressaq quddiemha akkuzat talli fid-29 ta' Marzu, 2011, u/jew fix-xhur ta' qabel, minn bitha adjacenti tal-fabbrika Windmill Aluminium Ltd. fi Triq il-Belt Valletta, Luqa:

1. Flimkien ma' persuna ohra, ikkommetta serq ta' kwantita' ta' aperturi ta' l-aluminium, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Ewro w sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar ghad-dannu tas-socjeta' Windmill Aluminium Ltd., u/jew ta' persuna/i u/jew xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' bieb ta' l-injam, liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax-il Ewro w sebgha w erbghin centezm (€116.47) izda izjed minn tlieta w ghoxrin Ewro u disgha w ghoxrin centezmu (€23.29) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

**U iktar talli nhar il-21 ta' Mejju, 2011, u/jew fil-jiem u/jew fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer:**

3. Naqas milli jhares xi wahda, w/jew aktar minn wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, Magistrat, Dr. Lawrence Quintano LL.D., b'digriet datat 13 ta' Lulju, 2009, u li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jiffirma kuljum gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, li jirrinkaza ruhu bejn il-11.00p.m. u s-6.00a.m. u li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tal-imputat, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati msemmija, tirrevoka 'Contrario Imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 13 ta' Lulju, 2009 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Francois Ellul. Kif ukoll li tordna li s-somma ta' elfejn Ewro (€2000) depozitati fir-registrur ta' din il-Qorti, u elfejn Ewro (€2000) ohra bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza w id-dokumenti esebiti w cioe' estratt mill-att tat-twelid Dok. CSH, Fedina Penali Dok. CSH1, zewg (2) stqarrijiet Dok. CSH2 u 3, Dikjarazzjoni ta' Rifjut

tal-jedd ghal Parir Legali Dok. CSH4, u kopja tal-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest Dok. CSH5.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-ezami li sar skond l-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Mejju 2011 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha w fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta ta' llum erbgha w ghoxrin ta' Mejju 2011 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk, rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni.

Semghet lill-partijiet jaqblu li l-Qorti ghandha taghti piena monetarja fil-konfront tat-tielet akkuza w m'ghandhiex tordna l-arrest mill-gdid tal-imputat u in oltre ghandha tapplika piena ta' prigunerija sospiza fir-rigward ta' l-ewel zewg akkuzi.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi w cioe' l-**Artikoli 261 (b) u ( c ), 278 (2), 325 ( c), 575 , 579 (1) u (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** tiddikjara li ssib lill-imputat **FRANCOIS ELLUL** **<u>hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu</u>** u tikkundannah dwar l-**ewwel zewg akkuzi piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal erba' snin ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre ai termini ta' l-Artikolu 28 G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tqeghdu taht Ordni ta' Supervizjoni ghal perijodu massimu tas-sentenza sospiza. Qieghda wkoll ai termini ta' l-Artikolu 28H tordna lill-hati sabiex jikkumpensa lill-vitma tal-hsara li huwa sofra fl-ammont ta' mija w sittax-il Ewro (€116).**

**Dwar it-tielet akkuza l-Qorti qieghda ssib lill-imputat hati w tikkundannah ihallas multa ta' hames mitt Ewro (€500) w tastjeni milli tiddeciedi dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna r-ri-arrest tieghu, u tordna l-konfiska tal-flejjes moghtija meta nghata l-liberta' provizorja w tibghat l-atti lil dik il-Qorti li qed tisma' l-kaz, sabiex dan il-punt jigi deciz minnha.**

**Tordna, ai termini tal-Artikolu 28G (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-ufficjal sorveljanti, kif ukoll li l-hati jinghata kopja tal-istess sabiex ikun f'posizzjoni li jirregola ruhu ahjar wara li din il-Qorti spjegat lill-hati l-import tas-sentenza w x'jigri f'kaz li jonqos li josservaha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------